# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 26 ta' Frar 2001**

**Avviz. numru 941/00**

**Numru 32**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Ertugrul Co Ltd**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' seba mija u sitta u tletin liri Maltin u sitta u tmenin centezmi (Lm736.86) bilanc ta' somma akbar rapprezentanti access ghall-uzu ta' mobile telephone u "airtime" ghall-istess uzu, moghti lis-socjeta konvenuta mis-socjeta attrici ghall-perjodu mis-17 ta' Novembru 1997 sat-23 ta' Novembru1998.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja u bl-imghaxijiet legali.

Is-socjeta konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat dak verbalizzat a fol 4 tal-istess atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx fit-12 ta' Frar 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm736.86,0 bl-imghax legali mill-21 ta’ Lulju 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra bonarja imsemmija fl-istess avviz.

Alan Calleja
Dep.Reg